MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Numru. 402/2010

**Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**Joseph Mallia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Mallia, bin George u Vincenza nee' Zammit, imwieled l-Awstralja fl-1 ta' Novembru 1966, u residenti 'THREE KANGAROOS', Flat 1, Triq Salvu Aquilina, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' numru 42083(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Matul il-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Dicembru, 2009 waqt li kien fi Triq il-Mulett, San Pawl il-Bahar, b'permezz ta' sikkina, kkaguna diversi brijx fuq karozza li ggib numru RUT-129 t'ghamla Volkswagon Polo Classic ta' kulur

ahdar u b'hekk ikkaguna hsarat voluntarji fuq l-istess karozza, liema hsarat igibu stima ta' 439.78c Euros u dan ghad-dannu ta' Ruth Frantz minn San Pawl il-Bahar.

Fl-istess data, hin u lok, waqt li kien sejjer jikkommetti l-imsemmi delitt, garr u kellu fil-pussess tieghu arma Regolari (sikkina) u talli zamm u garr l-istess arma minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Din l-Onorabbli Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' kundanna, jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Ruth Frantz, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi imputat b'obbligazzjoni tieghu nnfisu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata minn din l-istess Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-prodediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' April 2010 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw allegata hsara volontarja kagunata f'vettura bin-numru tar-registrazzjoni RUT 129 fil-lejl bejn l-24 u l-25 ta' Dicembru 2009 waqt li l-imsemmija vettura kienwet parkeggjata fi Triq il-Mulett, San Pawl il-Bahar. Din il-vettura hija propjeta' ta' Ruth Frantz li ghamlet rapport lil Pulizija u ndikat li kellha suspett fl-ex partner taghha u cioe' l-imputat fil-kawza

odjerna u aktar tard indikat li kien hemm xhud okulari, certu Sharon Ann Gibson, li kienet rat lill-imputat jghaddi bil-vettura tieghu minn hdejn il-vettura ta’ Frantz u jobroxha b’oggett waqt li kien qed isuq.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-atti processwali jirrizulta li din l-allegata xhud okulari ttelghat tixhed mill-Prosekuzzjoni waqt l-udjenza tal-3 ta Novembru 2011 fejn qalet li ma rat xejn. Il-Prosekuzzjoni ma gabet ebda xhud iehor jew kwalunkwe prova ohra li tindika li l-imputat kien il-persuna li kkaguna l-hsara volontarja fil-vettura ta’ Frantz fid-data, lok u hin indikati fic-charge sheet u jsegwi ghalhekk li huwa ma jistghax jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat jinsab ukoll akkuzat li waqt li kien ser jikkommetti delitt kellu fil-pussess tieghu arma regolari (sikkina) minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. Mill-provi rrizulta li meta saret tfittxija fil-vettura tal-imputat fis-26 ta’ Dicembru 2009 instabet sikkina taht it-tapit ta’ quddiem id-driver’s seat fejn l-imputat spjega li kien juza din is-sikkina ghas-sajd.  Ma ngabet l-ebda prova li din is-sikkina kienet qed tingarr mill-imputat waqt li huwa kien sejjer jikkommetti delitt u l-anqas li s-sikkina kienwet tirrrikjedi licenzja tal-Pulizija sabiex tingarr. L-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tat-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------